# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 367/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tyson Grech**

Illum 11 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Tyson Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 444995(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-14 u fil-15 ta' Awwissu 2019 ġewwa Bormla u/jew f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti

tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, fuq il-ġisem ta' OMISSIS;

2. bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mill-liberta', pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, ikkaġuna lil OMISSIS tikkommetti xi atti sesswali mhux kunsenswali;

3. bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil OMISSIS sabiex joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom;

4. kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' proviżorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace LL.D. nhar is-26 ta' April 2019 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw għal għaxart elef u tmien mitt Euro (€10,800).

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Tyson Grech u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' għaxart elef u tmien mitt Euro (€10,800) tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll għal familjari tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artiklu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-

mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Finalment, f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba titratta lill-imputat bħala persuna reċidiva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) tat-tielet (3) imputazzjoni u lliberatu minnhom, wara li rat Artikoli 17, 198(1)(3) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt Artikolu 49 iżda mhux taħt Artikolu 50 tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu sitt (6) snin priġunerija u multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200). Għall-fini ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tad-depożitu sħiħ fis-somma ta' tmien mitt Euro (€800) kif ukoll tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mis-somma stabbilita għall-fini tal-garanzija personali skont id-digriet tas-26 ta' April 2019 li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, ossia somma totali ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) u laqgħat ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u konsegwentement ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat. Billi qieset li huwa meħtieġ u spedjenti sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' OMISSIS, b'żieda mal-piena, il-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-istess imputat *a tenur* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sentejn u dan taħt it-termini u kondizzjonijiet oħrajn elenkati fid-digrieti mogħtija kontestwalment, liema terminu kellu jibda għaddej wara li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma totali ta' elfejn, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u sebgħa

u tmenin ċenteżmu (€2,482.87)[1] rappreżentanti l-ispejjeż tal-esperti maħtura fil-*Proces Verbal* tal-Inkjesta u dan fi żmien sena mid-data tas-sentenza. Għal dan il-fini, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti. Finalment, il-Qorti pprojbixxiet il-pubblikazzjoni f'kull mezz li jkun tal-isem tal-parti offiża OMISSIS in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u s-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberat lill-imputat appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjoni u tikkanċellaha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie misjub ħati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjoni u għalhekk tilliberah minnhom; (2) jew fin-nuqqas tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier tagħha barra l-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tagħti piena aktar ekwa u ġusta.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza finali dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Settembru 2021. Għal kull buon fini jingħad li fl-1 ta' Diċembru 2022, din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza preliminari (*a fol.* 613 *et seq.*) dwar l-ewwel

[1] "Keith Cutajar (€418.23, *fol.* 69); Dr. Mario Scerri (€273.40, *fol.* 82); Dr. Marisa Cassar (€1,791.24, *fol.* 276)."

aggravju tal-appellant li kien jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata, liema aggravju ġie miċħud.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkanċella u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tilliberah mill-imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom minnha. Fin-nuqqas, l-appellant jitlob mitigazzjoni tal-piena.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jorbtu ma' konġunġiment karnali tal-*parte civile* OMISSIS (tfajla ta' dsatax-il sena). Jirriżulta li l-appellant u l-*parte civile* kienu ftehmu li joħorġu flimkien filgħaxija nhar l-14 ta' Awwissu 2019. Huma marru ġewwa restorant fejn ġie ordnat l-inbid. Skont il-*parte civile* hija ma tantx tixrob u li għalhekk wara li ħadet tazza inbid hija talbet sabiex ma tixrobx aktar. Hija tispjega li l-appellant għamlilha ċertu pressjoni sabiex tieħu żewġ tazzi oħra u hija fil-fatt xorbithom. Tgħid li wara mxew sal-vettura u minn hemm ma tiftakar xejn iktar dwar is-serata. Tispjega li l-għada filgħodu hija qamet ġewwa post li ma kinitx taf fejn kien. Tgħid li kienet liebsa biss qalziet ta' taħt u l-*brassiere*. Tkompli li l-appellant kien rieqed fis-sodda ħdejha. Tispjega li meta qamet bdiet tħoss ċertu uġiegħ fil-parti tagħha. Hija staqsietu fejn kienu l-ħwejjeġ tagħha u jidher li l-appellant qalilha li ma kienx jaf iżda ftit wara dawn instabu fuq il-*bunk bed* ta' fuq. Minn hemm, dejjem skont il-*parte civile*, l-appellant mar biex jerġa' jkollu x'jaqsam magħha u hija ppruvat tagħmel forma ta' reżistenza verbali u fiżika għax ma riditx iżda dan kien għalxejn għax l-appellant xorta kellu x'jaqsam magħha. Wara dan jidher li l-appellant saq lill-*parte civile* lura d-dar tagħha.

Illi l-*parte civile* kompliet tispjega li aktar tard wara li marret id-dar hija marret il-*polyclinic* minħabba l-uġigħ li kienet qed tħoss u minħabba li kienet qed tara xi demm. Sa dak il-mument il-*parte civile* tgħid li ma kellhiex intenzjoni tirrapporta l-fatt iżda wara li tkellmet ma' ommha hija biddlet fehmtha.

Illi minn naħa tiegħu l-verżjoni mogħtija mill-appellant waqt l-istqarrija hija differenti b'dana illi huwa jispjega li wara li telqu mir-restorant, il-*parte civile* riedet li jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin.

Huwa jgħid li l-ewwel waqfu l-*parking area* tal-Luxol iżda minħabba li huwa kellu kondizzjonijiet dwar liberta' proviżorja, huwa talab li jmorru f'post magħluq. Kien għalhekk li spiċċaw id-dar tiegħu fejn huma kellhom x'jaqsmu darba filgħaxija u darbtejn filgħodu u dana dejjem bil-kunsens tal-*parte civile*. Jikkonferma li huwa wassal lill-*parte civile* d-dar.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li għadhom mhux deċiżi, hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li għadhom mhux deċiżi u dana stante li, kif diġà ngħad, din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza preliminari (*a fol.* 613 *et seq.*) fl-1 ta' Diċembru 2022 dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, liema aggravju ġie miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jilmenta li s-sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti ġiet mogħtija wara apprezzament irraġonevoli tal-provi u li legalment ma setgħetx tingħata. Jisħaq li meta l-Ewwel Qorti sabet ħtija fih fir-rigward tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu, hija ma żammitx ma' kunċetti legali li huwa jelenka fir-Rikors tal-appell.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar is-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward ta' l-ewwel (1) imputazzjoni. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u dan għas-sempliċi fatt li l-każ kien jistrieħ biss fuq ix-xiehda tal-*parte civile*. Jgħid li l-verżjoni mogħtija minnha ma kinitx kredibbli jew verosimili. Jgħid ukoll li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* ġiet ivvintata minnha u li għamlet dan minħabba li kienet beżgħet li kienet tqila u wara kompliet tkabbar il-verżjoni tagħha fuq pressjoni ta' ommha u tal-Pulizija.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jelenka sensiela ta' argumenti li skont hu għandhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-istess aggravju. <u>Fil-qosor</u>: l-appellant jilmenta li jekk wieħed jistħarreġ ir-rapport tal-Pulizija jirriżultalu li skont il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija kienet ħarġet ma' ġuvni u marru f'bar Tigné u xorbu xi nbid. Jgħid li hija tgħid li wara żewġ tazzi inbid hija bdiet tħossha fis-sakra u rikbet fil-vettura mal-ġuvni u raqdet. Jisħaq li tgħid li l-għada hija qamet għarwiena u li l-ġuvni wassalha d-dar u li kienet qed tibża li ġiet stuprata u li iżda ma riditx tipproċedi kontra l-ġuvni. L-appellant jirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn WPS 210 Tanya Mangion fejn ikkonfermat li l-*parte civile* ma riditx tipproċedi kontra tiegħu. Ikompli jgħid li

kien biss wara xi ġranet fit-18 ta' Awwissu 2019 li l-*parte civile* kienet lesta tagħti l-verżjoni tagħha f'aktar dettall. L-appellant jgħid li sa erbat ijiem wara hija xorta kienet għadha ma qalitx li kienet ġiet stuprata u għalhekk ir-rapport kien għadu fuq suspett ta' stupru.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-*parte civile* meta kienet qed issir l-Inkjesta Maġisterjali fir-rapport magħmul mill-iSpettur Investigattiv fis-27 ta' Awwissu 2019 tat it-tielet verżjoni tal-fatti u din id-darba kien hemm sfumaturi ġodda. Jisħaq li fir-rapport tiegħu, l-iSpettur Investigattiv jgħid li l-appellant kien awtoritarju u li filgħodu kien abbuża mill-*parte civile* kontra r-rieda tagħha. L-appellant jgħaddi sabiex jispjega t-tibdiliet fil-verżjonijiet u jirreferi għal verżjoni mogħtija lil Dr. Mario Scerri. L-appellant jilmenta li t-tibdil fil-verżjonijiet juru li l-*parte civile* kienet qed tivvinta storja u li l-aħħar verżjoni turi li l-ambjent kien wieħed ta' diskussjoni u mhux wieħed ta' biża'. Huwa jirreferi għal verżjoni tal-*parte civile* u b'mod partikolari għal kliem tagħha *"jerġa' jipprova"*. Jgħid li minn dan joħroġ li ma kinitx qed tgħid il-verita' għax skont hija sa dak il-mument ma kinitx taf li kellhom x'jaqsmu. Jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-kliem tal-*parte civile* b'mod akkurat u jsemmi li meta l-*parte civile* tgħid li tefagħha fuq is-sodda kienet qed tigdeb għax hija tgħid li kienet diġa' fuq is-sodda.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija mgiddba mill-provi forensiċi kif ukoll mill-Inkjesta Maġisterjali. Isemmi li skont ir-rapport tal-espert Dr. Mario Scerri hija ma kellha l-ebda ferita friska u jistaqsi: allura kif jista' jkun li uża l-forza fuqha mingħajr ma ħallielha marka ħlief tbenġila fuq wara li skont il-*parte civile* għamlitha meta ppruvat taħrab minn taħtu?

Illi l-appellant jistaqsi wkoll: kif jista' jkun li ma kienx hemm kunsens meta hu lanqas ġerħa waħda ma kellu minkejja r-reżistenza tal-*parte civile*? L-appellant jagħmel riferenza għall-azzjonijiet li allegatament wettaq u d-diskrepanzi bejn il-

verżjonijiet tal-*parte civile* fejn għall-ewwel tgħid li neħħielha l-qalziet ta' taħt u wara tgħid li ressqu fil-ġenb.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għal ċertu dettall li huwa kien jaf dwar il-*parte civile* u li jgħid dan id-dettal ma setax ikun jafu li kieku ma qalitulux il-*parte civile* stess. Isemmi wkol il-fatt li f'waħda mill-verżjonijiet hija semmiet li sabet ruħha Bormla mentri f'verżjoni oħra tgħid li ma kinitx taf fejn kienet. Isemmi wkoll il-fatt li l-ħwejjeġ tal-*parte civile* kienu intatti u li dan kien inkompatibbli ma' dak li qalet hija.

Illi l-appellant jispjega li l-verżjoni mogħtija minnu kienet dejjem konsistenti u jgħaddi sabiex isemmi l-fatti saljenti u kif dak li sar kien sar bil-kunsens tat-tnejn.

Illi dwar il-parti tar-rinkażar, l-appellant jirreferi għal fatt li allegatament ma kienx hemm kliem bejniethom u hu jsemmi wkoll li l-*parte civile* tgħid li riedet tmur għand il-kuġina tagħha minkejja li din ma kinitx infurmata. Jirreferi għal fatt li fi kliem il-kuġina stess is-soltu kienet tkun infurmata. Jistaqsi kif setgħet il-Qorti f'dan l-isfond temmen lill-*parte civile.* Isemmi inċident fejn il-*parte civile* ċaħdet li qaltlu li d-dar tagħha ma kien hemm ħadd. Jistaqsi allura dan minn fejn sar jafu.

Illi l-appellant jirreferi għal allegata gidba tal-*parte civile* rigward il-fatt li hija tgħid li kellha x'taqsam biss mal-eks għarus li kienet ilha li telqitu xi tliet ġimgħat mentri Dr. Nicholas Felice jikkonferma li hija qalet li kellha x'taqsam xi ġimgħa qabel. Jisħaq li mill-istqarrija tiegħu joħroġ ċar li l-*parte civile* kienet qed tħossha komda miegħu u jgħid ukoll li l-*parte civile* anqas kienet ċerta li waqt li kienu jixorbu li hija qaltlu li kienet fuq il-*pill* mentri ammettiet li bħala stat ta' fatt kienet verament teħodha. Filwaqt li l-appellant jagħmel riferenza għall-partijiet oħra tad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte ċivile* u jressaq konsiderazzjonijiet dwarhom, huwa jgħid li kien dejjem konsistenti f'dak li qal - mhux bħal *parte civile*.

Illi l-appellant jargumenta li l-ħwejjeġ tal-*parte civile* kienu intatti. Jinsisti li wara li kellhom x'jaqsmu, raqdu u filgħodu reġgħu għamlu darbtejn oħra wara li qamu u li dan dejjem sar bil-kunsens tat-tnejn. Jargumenta wkoll li meta ġie kkonfrontat bl-allegazzjoni tal-*parte civile* li huwa sforza ruħu fuqha u kellu x'jaqsam magħha sesswalment kontra r-rieda tagħha, li huwa ċaħad dan u qal li kieku dan kien minnu, l-ewwel li kienet tagħmel kien li tgħolli leħinha biex xi ħadd jinduna li qed jiġri xi ħaġa ħażina iżda dan hija ma għamlitux u li f'kull każ it-twieqi tal-kamra tiegħu kienu miftuħa u kien hemm ommu d-dar.

Illi l-appellant jisħaq li minkejja li l-Ewwel Qorti ġiet rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u minkejja l-kontradizzjonijiet u l-gideb tal-*parte civile*, hija (l-Ewwel Qorti) għażlet li temmen ix-xiehda tagħha għax hu ma kienx konsistenti. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel hekk meta hija kellha tikkunsidra l-prinċipji legali msemmija minnu fil-bidu tal-appell tiegħu u jissottometti li l-grad tal-konvinċement morali ma setgħax jintlaħaq jekk jiġu kkunsidrati l-assjem tal-provi. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta qalet li hu naqas milli jressaq provi bħax-xiehda ta' ommu u dana peress li hu ma hux tenut u lanqas obbligat li jressaq provi. Jgħid li ommu naqset fil-mori tal-kawża u żgur ma setgħetx titla' tixhed.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ewwel (1) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' stupru li jirrikjedi żewġ elementi: l-att sesswali u li dan ikun magħmul kontra l-volonta' tal-vittma *ossia* mingħajr kunsens.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, minkejja li dak li jgħid l-appellant rigward ċertu differenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* huma veri, dan ma jfissirx li l-verżjoni tal-*parte civile* ma għandhiex titwemmen. Din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** (Numru 59/2003) din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi mhux kull konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji

> enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux. Apparti li hemm erba' xhieda li jgħidu li l-appellant ħebb għal martu u ta daqqa ta' ponn lil ommha Lucia Micallef, hemm il-prova indiretta u indizjarja tal-ferita fuq moħħ Lucia Micallef kif ċertifikata mit-tabib li l-appellant ma setax jagħti spjegazzjoni għaliha."

Illi dwar il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li l-*parte civile* kienet imbeżża' (*a fol.* 96) u oriġinarjament ma kinitx intenzjonata tmexxi. Minbarra hekk hija tgħid li kien biss wara li kellmuha tal-Appoġġ u ommha li ddeċidiet tagħmel il-pass. Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-tranżizzjoni tiġġustifika ċertu differenzi fil-verżjonijiet mogħtija minnha. Anke mix-xiehda mogħtija mill-istess *parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti hija spjegat dan il-fatt u li ma kinitx komda tixhed u toħroġ ċertu dettall. Dan huwa fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wieħed ġustifikabbli. Minbarra dan, din il-Qorti kellha l-opportunita' tara meta l-appellant ta l-istqarrija tiegħu minħabba li din kienet irrekordjata u qabblitha max-xiehda mogħtija mill-*parte civile* minħabba li x-xiehda tagħha ġiet irrekordjata wkoll. Mill-atteġġjament u l-kliem tal-partijiet din il-Qorti nnutat li l-*parte civile* kienet komposta u timoruża fix-xiehda tagħha u anke kien hemm mumenti fejn hija nfaqgħet tibki. Minn naħa l-oħra, l-appellant kien aktar spavald u jsemmi mingħajr wisq tidwir li kellu x'jaqsam mal-*parte civile*. Minn dan l-atteġġament din il-Qorti ħadet l-impressjoni li l-appellant qisu ried juri li kien kburi li kellu x'jaqsam mal-*parte civile* tliet darbiet.

Illi dejjem rigward il-fatt li kien hemm xi differenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile*, din il-Qorti tinnota li hija qatt ma semmiet li filgħodu tat il-kunsens tagħha. L-appellant waqt is-sottomissjonijiet orali jsemmi li huma mill-elementi periferali li wieħed jinduna jekk l-*parte civile* hijiex konsistenti. Fuq dan il-punt din il-Qorti tinnota li f'mument bħal dak il-*parte civile* tkun għaddejja minn trawma u qajla wieħed jista' jippretendi linearita' fil-kliem tagħha. Huwa r-rwol tal-Ġudikant li jagħrbel il-provi

mressqa u jara li dawn iwasslu sal-grad tal-prova rikjest mil-liġi. Fin-nuqqas li jintlaħaq dan il-livell ta' prova jkun jinkombi fuq il-Qorti li tieħu d-deċiżjonijiet li jkollha bżonn tieħu. Iżda f'dan il-każ din il-Qorti ma tarax li hemm xi differenzi tant sostanzjali fil-verżjoni tal-*parte civile* li għandhom iwassluha tiddubita mill-verżjoni tagħha. Anzi minn dawn id-differenzi tara kemm il-verżjoni mogħtija minnha (mill-*parte civile*) hija spontanja. Dwar id-differenzi fil-verżjoni mogħtija mill-*parte civile,* din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** (Numru 348/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Wara kollox jingħad li x-xhieda ma hiex kontradittorja iżda m'hiex eżatta u f'ċirkostanzi bħal dawn fejn ix-xhieda kienu aġitati fuq dak li seħħ huwa naturali u normali li x-xhieda jirrelataw dak li gara mil-lenti tagħhom u l-verżjoni mogħtija minn diversi xhieda ma tkunx eżatta. F'ċirkostanzi bħal dawn aġir bħal dan jindika li x-xhieda ma pprattikawx dak li ser jgħidu iżda kienu spontaneji fix-xhieda tagħhom."

Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat ħati ta' stupru fir-rigward tal-konġunġiment karnali li seħħ filgħodu biss. Dan il-fatt juri li Ewwel Qorti għarblet sew il-fatti u l-provi li kien hemm quddiemha.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tislet bran minn dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Hija qalet hekk (*a fol.* 511 *et seq.*):

> "Il-Qorti ma għandhiex f'dan il-każ il-konfort ta' xi prova diretta li tissostanzja verżjoni waħda kontra l-oħra, liema prova kienet tkun ferm utili biex tirriżolvi l-ekwivoci u biex tafferma jew inaqqas mill-kredibbilita' ta' waħda jew l-oħra mill-verżjonijiet kuntrastanti tal-partijiet.

[...] Wara kollox, il-Qorti semgħet lix-xhud tixhed quddiemha u rat il-komportament ta' OMISSIS waqt id-depożizzjoni u **ma tistax ma tirrimarkax illi hija osservat il-ġenwinita' tagħha meta minkejja li għafsitha diversi drabi għal spjegazzjonijiet, hija kienet dejjem konsistenti u stqarret bla tlaqliq u b'mod dettaljat dak kollu li seħħ meta kienet għadha f'sensiha. Osservat ukoll il-konsistenza assoluta tal-verżjoni tagħha illi hija raqdet hekk kif rikbet fil-vettura tal-imputat u ma tiftakar assolutament xejn minn dak li ġara sakemm qamet u ma kellhiex l-iċken idea fejn kienet u x'kien ġara matul il-lejl, iżda ftakret sewwa dak li ġara meta qamet filgħodu**.

Dan kollu l-Qorti evalwatu wkoll fl-isfond tat-tweġibiet tal-imputat waqt l-interrogazzjoni tiegħu fejn, hemmhekk suspettat, issupplixxa tagħrif dettaljat biss kwantu għall-perijodu ta' ħin meta skont OMISSIS, hija kienet raqdet u ma tiftakar assolutament xejn dwar x'ġara, u għall-bqija, huwa kien ferm vag u inkonsistenti u tispikka b'mod evidenti r-retiċenza tiegħu biex iwieġeb b'mod inekwivoku u b'mod konsistenti għal domandi relevanti, fosthom dwar kemm, miż-żewġ fliexken inbid li xtara fir-*restaurant*, xorbot tazzi tal-inbid OMISSIS, il-presenza ta' ommu fid-dar, il-lok fejn instabu l-ħwejjeġ ta' OMISSIS, ir-raġuni għaliex sussegwentement kien bagħtilha żewġ messaġġi[2], fost oħrajn. Fir-rigward għalhekk, il-Qorti tqis li verżjoni tiegħu hija nieqsa minn dik il-konsistenza u ġenwinita' li kkaratterizzat ix-xiehda ta' OMISSIS." [emfażi tal-Ewwel Qorti]

Illi din il-Qorti tfakkar li anke jekk ikun hemm differenzi sostanzjali fil-verżjonijiet mogħtija minn parti, hija tista' dejjem temmen xhud f'parti mix-xiehda tiegħu waqt li ma temmnux

[2] "*"Għadek ħajja?"* u *"Int ekk?"*. Għall-Qorti, il-fatt illi l-parti offiża baqgħet ma riditx twieġbu tkompli tafferma l-kredibbilita' tax-xiehda tagħha."

f'parti oħra. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. [...] Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-*parte civile*, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."

Illi dwar l-użu tal-kliem *"jerġa' jipprova"* din il-Qorti hija tal-fehma li dawn huma faċilment spjegati mill-fatti. Il-*parte civile* qamet filgħodu ħdejn l-appellant u kienet liebsa biss qalziet ta' taħt u *brassiere*. Il-*parte civile* tgħid ukoll li kellha uġigħ fil-parti tagħha *ergo* faċilment setgħet tiddeduċi li kien ġara xi ħaġa li kienet tinvolvi l-parti tagħha bil-konsegwenza naturali li meta l-appellant resaq lejha filgħodu hija, tenut kont ta' kollox, kienet diġà tista' tissuspetta li kien seħħ konġunġiment karnali mal-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan faċilment jispjega l-kliem tal-*parte civile*.

Illi rigward il-kwistjoni tas-sodda, il-*parte civile* tispjega fix-xiehda mogħtija minnha li l-appellant imbuttaha lura waqt li kienet fuq is-sodda u saqajha telgħu 'l fuq (*a fol.* 80). Din il-verżjoni taqbel ma' dak li qalet preċedentement (*a fol.* 33.). Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tikkunsidrax li l-kliem tal-*parte civile* f'dan ir-rigward għandhom iwasslu għal xi rikonsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Illi dwar il-provi forensiċi din il-Qorti tinnota li minkejja li Dr. Mario Scerri jikkonkludi li ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-*parte civile* OMISSIS (*a fol.* 80 tal-*Process Verbal*) huwa wkoll minnu li mix-xiehda mogħtija mill-Ġinekologu Dr. Nicholas Felice li eżamina lill-*parte civile* fis-17 ta' Awwissu 2019 fl-10.30pm li kien hemm tbenġiel frisk fuqha. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti sabet li dan it-tbenġil kien kompatibbli mal-mod ta' kif allegatament l-

appellant ċaqlaq il-*parte civile* fuq il-ġemb tagħha. Minbarra dan, din il-Qorti fehmet li l-*parte civile* ssokkombiet għax-xewqat abbużivi tal-appellant b'reżistenza fiżika limitata. Fatt dan li fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jispjega nuqqas ta' trawmi fuq il-*parte civile* u fuq l-appellant. Dan pero' ma jfissirx li hija tat il-kunsens tagħha għal konġunġiment karnali li seħħ filgħodu.

Illi, minbarra dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li r-reat primarju li l-appellant instab ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti huwa r-reat ta' stupru hekk kif stabbilit taħt Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif stabbilit mill-Ewwel Qorti u kif konfermat mill-appellant fl-istqarrija tiegħu ma hemmx dubbju li kien hemm konġunġiment karnali bejnu u l-*parte civile*. Il-kwistjoni li kellha tiddetermina l-Ewwel Qorti kienet jekk dan jammontax għal stupru.

Illi l-appellant fl-istqarrija tiegħu qal li kellu x'jaqsam mal-*parte civile* aktar minn darba u minn dawn id-drabi l-Ewwel Qorti stabbiliet li kienet biss l-aħħar waħda li tikkostitwixxi stupru. Fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 524):

> "Issa kif rajna, fil-każ in diżamina, OMISSIS spjegat b'mod speċifiku u bl-irqaqat kollha tagħha, is-sekwenza tal-manuvri tal-imputat – meta qamet filgħodu u sabet ruħha f'post mhux magħruf, mingħajr ħwejjeġ u b'uġigħ fil-parti tagħha – b'liema manuvri huwa rnexxielu jisforza ruħu fuqha u jippenetraha vaġinalment. Manuvri li l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li mhux biss jammontaw għal sfurzar iżda jimmanifestaw sewwasew in-nuqqas assolut ta' kunsens tagħha bħala s-soġġett passiv tal-att."

Illi rigward ir-reat ta' stupru, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. OMISSIS** (Numru 04/2021), fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Dan il-konġunġiment karnali irid neċessarjment isir mingħajr il-kunsens tal-vittma. Il-kunċett ta' nuqqas ta' kunsens jipprevadi r-reat ta' stupru."

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (*a fol.* 523):

> "Ta' sikwit f'sentenzi tal-Qrati tagħna li jittrattaw ir-reat ta' stupru, issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. James Demanuele** fejn l-elementi li sawwru r-reat ta' l-istupru ġew spjegati b'mod konċiż. Għalkemm qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018 liema emendi raw l-element tal-vjolenza, bħala wieħed mill-elementi essenzjali u kostituttivi tar-reat ta' stupru taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9, jiġi sostitwit b'dak tan-nuqqas ta' kunsens għall-konġunġiment karnali, il-Qorti tqis illi bosta mill-konsiderazzjonijiet fl-insenjament in materja għadhom jgħoddu ugwalment illum."

Illi riferenza sejra ssir għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Malcolm Mifsud** (Numru 302/2005) li għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. James Demanuele** hawn fuq imsemmija, fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti rreferiet għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru, 2000, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Demanuele**. Din il-Qorti sejra wkoll tirreferi għas-segwenti brani minn dik is-sentenza:
>
>> "Issa, il-liġi tagħna, in tema ta' stupru, tirrikjedi li l-konġunġiment karnali ikun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista' tkun fiżika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien). Il-liġi, pero', ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia l-grad ta' vjolenza li trid tiġi wżata biex wieħed jgħid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari fuq l-

> eta' tas-suġġett attiv u tas-suġġett passiv, l-istat ta' saħħa u l-forzi tagħhom, it-temperament jew karattru tagħhom, kif ukoll fuq iċ-ċirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suġġett passiv. Dak li hu neċessarju hu li l-vjolenza tkun waħda effettiva, jiġifieri li fil-każ konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-konġunġiment karnali, in-ness ta' kawża u effett, ta' mezz u fini. Fi kliem Majno: '*… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita', i caratteri, l'idoneita' dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta', lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo' avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se' stessi, nella generalita' dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se' stessi, nella generalita' dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta' della vittima, e nonostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto i riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu' ovvie della vita" (op. cit.,* para. 1463, pp. 178, 179). Għalhekk ma huwiex il-każ, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi reżistenza sa l-aħħar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fiżikament li tispiċċa mbenġla minn rasha sa saqajha." [emfażi ta' din il-Qorti]"

Illi mix-xiehda li tat il-*parte civile* OMISSIS quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.*29 *et seq.*) jirriżulta li hija ma tatx il-kunsens tagħha għall-konġunġiment karnali li seħħ filgħodu. Fil-fatt

mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 78.):

Ix-xhud: "Naf li żgur qalibni hekk u kien qed iżommni – ."

Il-Qorti: "Qalbek billi, ok, qabdek mill-*hip*."

Ix-xhud: "U naf li kien qed iżommni xi ħin minn hawnhekk."

Il-Qorti: "U kien qed iżommok fuq l-ispalla tal-lemin."

Ix-xhud: "Eħe. U jien bdejt nipprova nimbuttah u ma bediex iħallini."

Il-Qorti: "Inti bdejt tipprova timbuttah minn wara."

Ix-xhud: "Eħe, minn wara."

Il-Qorti: "Minn wara. B'idejk."

Ix-xhud: "Eħe. Imbagħad bdejt ngħidlu: *"ma rridx"*."

Il-Qorti: "Din li għidtlu li ma tridx, darba jew ħafna drabi għidthielu?"

Ix-xhud: "Għidtlu: *"ma rridx"*, bqajt ngħidlu, għidtlu: *"Le, le, le,!"* u ovvjament hu baqa' – ".

Il-Qorti: "Jiġifieri aktar minn darba għidtlu *"le"*, *"li ma rridx?"*'

Ix-xhud: "Eħe."

Il-Qorti: "Qabel ġie fuqek, qabel imbuttak jiġifieri fil-bidu għidtlu?"

Ix-xhud: "Għidtlu: *"le"*. Għidtlu: *"ma rridx"*. Bdejt nipprova nimbuttah minn sidru."

Il-Qorti: "Iva, dik spjegajthielna. U waqt l-att ukoll?"

Ix-xhud: "Eħe."

Il-Qorti: "X'għidtlu?"

Ix-xhud: "Għidtlu: *"le, ma rridx"*. Imbagħad meta dawwarna niftakar li qalli: *"int hekk"*. Għidtlu: *"Hekk kif?"*. Għidtlu: *"Jien dejjem inħalli madwar xahar biex nagħmel ma' persuna."*

Il-Qorti: "Hu qallek: *"int hekk?"*."

Ix-xhud: "Eħe. Ma kien qalli xejn wara."

Il-Qorti: "Ma fhimtx. Ħu paċenzja, jiġifieri wara jew waqt?"

Ix-xhud: "Ħa meta kien imbuttani –."

Il-Qorti: "Fuq is-sodda."

Ix-xhud: "Eħe."

Illi, tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti mhijiex qed taċċetta l-argument imressaq mill-appellant dwar il-kwistjoni tal-kunsens allegatament mogħti mill-*parte civile*. Lanqas l-argument dwar il-ħwejjeġ tal-*parte civile* ma huwa ta' fejda. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li filgħodu l-*parte civile* ma kinitx liebsa l-ħwejjeġ u allura ma setgħux ikollhom sinjali. Kif jidher li ġraw iċ-

ċirkostanzi kien ukoll faċli għall-appellant li jressaq il-qalziet ta' taħt tal-*parte civile*. Jidher li huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-ħwejjeġ tal-*parte civile* kienu intatti.

Illi dwar id-dettalji li l-appellant jgħid li kien jaf dwar il-*parte civile*, din il-Qorti tinnota li huwa ltaqa' mal-*parte civile* u hija (din il-Qorti) tifhem li dawn xi ftit jew wisq tkellmu. Għalhekk wieħed jista' jasal għal konklużjoni li tali dettalji huwa ġabarhom minn tali konverżazzjoni. Iżda din il-Qorti tinnota wkoll illi l-appellant ma kienx korrett dwar l-użu tal-*pill* min-naħa tal-*parte civile.*

Illi magħdud ma' dan din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Agius** (Numru 54/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa f'dawn il-każijiet ta' reati sesswali u kontra l-pudur il-provi imressqa quddiem min hu imsejjaħ biex jiġġudika spiss ikunu jikkonsistu fil-verżjoni tal-fatti tal-atturi prinċipali tal-event kriminuż, u ċioè il-vittma u l-perpetratur. F'dan il-każ hija biss il-minuri li toffri x-xiehda tagħha, bl-appellant jistrieħ fuq il-provi ċirkostanzjali, mressqa mill-Prosekuzzjoni stess u xi provi oħra in difeża. Illi meta l-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti r-raġunamenti mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ma jżidu jew inaqqsu xejn minn dak li qalet l-Ewwel Qorti. Li ried jipprova l-appellant huwa li l-konġunġiment karnali li ġie meqjus bħala stupru, minflok kien sar bil-kunsens tal-partijiet.

Illi fl-istadju tal-appell l-appellant ġie awtorizzat jippreżenta filmat li skont hu jipprova li dak li seħħ bejnu u bejn il-*parte civile* seħħ bil-kunsens. Din il-Qorti rat dan il-filmat bħal ma rat l-atti proċesswali ta' dan il-każ. Rigward il-filmat in kwistjoni, din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa prattikament fid-dlam u ma jista jiġi identifikat ħadd fih u li d-data li jġib huwa "15 August 2019" fil-lokalita' "Cospicua" u bil-ħin "02.51". Dawn id-dettalji juru li dan il-filmat jista' jagħti l-każ li huwa tal-att sesswali li sar bil-lejl – dak li l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija dwaru. Filwaqt li din il-Qorti għandu ċertu dubji dwar jekk verament l-appellant "skopra" (*a fol* 661) dan il-filmat fil-*'cloud'* tiegħu fit-8 ta' Marzu 2023, minbarra dan, minkejja li d-data hija l-istess data ta' meta seħħ l-akkadut, il-ħin ma jaqbilx u dana peress li l-konġunġiment karnali in kwistjoni seħħ filgħodu wara li l-*parte civile* u l-appellant kienu qamu (*a fol.* 44).

Illi anke jekk wieħed kellu jqis li d-dahar li jidher fil-filmat huwa tal-*parte civile* dan ma jiskolpax lill-appellant. Kif diġa' ngħad, dan il-filmat ma jurix x'ġara filgħodu. Tajjeb jiġi ċċarat li jekk persuna tkun aċċettat preċedentement li jkollha x'taqsam ma' persuna oħra dan ma jagħtix permess sussegwenti lill-persuna l-oħra li tippretendi konġunġimenti karnali sussegwenti. Li kellu jipprova f'dan ir-rigward l-appellant kien li l-konġunġiment karnali li sar filgħodu kien bil-permess tal-parti l-oħra. Il-filmat in kwistjoni ma jippruvax dan.

Illi frankament lanqas ma hemm prova ta' minn huma l-persuni fil-filmat. Din il-Qorti kienet tat lill-appellant il-permess jippreżenta tali filmat fl-aħjar interess tal-ġustizzja iżda tasal għal konklużjoni li huwa ma jwassal għal ebda riżultat.

Illi anke dwar il-verżjoni mogħtija mill-appellant, din il-Qorti mhijiex konvinta dwar il-konsistenza tiegħu speċjalment meta jgħid li skont huwa l-*parte civile* qaltlu li kienet fuq il-*pill* meta rriżulta li fil-fatt kienet ilha xi żmien li waqqfitha. Minbarra dan, dwar il-verżjoni ta' fejn kienet il-*parte civile,* hija tispjega li saret taf li kienet tinsab Bormla meta telqu sabiex iwassalha d-dar. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita

mill-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* speċjalment meta wieħed jikkunsidra t-trawma li kienet għadha kemm għaddiet minnha. Magħdud ma' dan hemm il-fatt li l-*parte civile* kienet konsistenti dwar il-fatt li ma tiftakar xejn minn dak li ġara l-lejl ta' qabel u dan jiddeponi a favur tagħha minħabba li b'hekk skaġunat lill-appellant minn kull ħaġa li ġrat il-lejl ta' qabel. X'raġuni seta' kellha l-*parte civile* li tiskolpa lill-appellant minn dak li ġara l-lejl ta' qabel waqt li żżomm ferm il-verżjoni tagħha rigward dak li ġara filgħodu? B'hekk dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant isemmi li kien hemm diversi nuqqasijiet minn naħa tal-Prosekuzzjoni li nġustament, skont hu, ħolqu dubju fuq dak li stqarr hu. Huwa jilmenta li dan huwa każ ta' verżjonijiet differenti. Jgħid li jkun hemm kunflitt ta' provi meta jkun hemm provi li jmeru lil xulxin. Jilmenta li l-iSpettur Investigattiv naqas mill jinvestiga l-verżjoni tiegħu billi jistħarreġ is-*CCTV cameras* jew billi jkellem lill-ommu.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa l-atti ta' din il-kawża u tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-12 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 300) jirriżulta li dakinhar il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha waqt li fis-seduta ta' wara *ossia* dik tal-24 ta' Ġunju 2021 id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq. Minbarra dan, din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu

li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi anke jekk wieħed jinjora dak li ġie ċċitat hawn fuq, l-evidenza li qed jirreferi għaliha l-appellant hija mingħajr sustanza għar-reat in kwistjoni u ma jirriżultax li kienet ser żżid mad-difiża tiegħu.

Fir-rigward tas-*CCTV cameras* dawn ma setgħu jressqu l-ebda evidenza ġdida għal konġunġiment karnali li ġie meqjus mill-Ewwel Qorti bħala reat ta' stupru stante li ġara ġewwa kamra tas-sodda privata. Tabilħaqq l-Ewwel Qorti qieset li għar-rigward ta' dak li ġara filgħaxija ma kienx hemm biżżejjed provi.

Illi rigward il-preżenza ta' omm l-appellant fl-appartament fejn seħħ l-istupru, din il-Qorti tinnota li ma hemmx prova li fil-fatt l-appellant joqgħod ma' ommu.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa marbut mas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni. Huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx b'mod legali u raġonevoli tasal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu fejn ġie determinat li huwa kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u dana minħabba nuqqas ta' provi. Jgħid li x-xiehda tal-iSpettur Joseph Scerri mhijiex biżżejjed u li kellu jittella' jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti. Ikompli li r-raġunament tal-Ewwel Qorti mhuwiex korrett għax huwa mhux tenut iressaq l-ebda prova u li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li sabiex tiġi ppruvata r-raba' (4) imputazzjoni kien meħtieġ is-segwenti:

- l-identita' tal-persuna imniżżla fid-digriet;
- il-konferma li fil-jum meta ġie kommess ir-reat *de quo* l-kawża li fiha jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest relattiv kienet għadha mhux konkluża;
- id-digriet dwar il-ħelsien mill-arrest kien għadu fis-seħħ;

- l-azzjoni inkriminata kienet bi ksur ta' tali kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Caruana** (Numru 208/2020) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "10. Din il-Qorti tqis li dan ma kienx proċeduralment korrett. B'hekk l-ilment tad-Difiża f'dan il-każ jimmerita li jiġi milqugħ Din il-Qorti, u l-Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tista' tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju prepost għal produzzjoni tal-provi tagħha li jkun ġie kommess il-fatt vjolattiv tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li l-istess fatt ikun seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli, kif ukoll li tipprova dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk viġenti bl-aqwa prova li huwa l-kopja legali integra u sħiħa tal-istess digriet – inkluż bl-emendi jew żidiet li jkunu saru wara l-emanazzjoni tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali. Jekk dan ma jkunx sar, allura ma jkunx jista' jitqies integrat ir-reat *de quo*."

Illi fir-rigward ta' dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami fejn jgħid li kellu jitressaq ir-Reġistratur tal-Qorti u li x-xiehda tal-iSpettur Xerri ma kinitx biżżejjed, din il-Qorti tinnota li dan mhux neċessarju kif *del resto* diġa' ngħad minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha mogħtija fit-22 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tyson Grech** (Numru 293/2022/1).

Illi d-digriet (Dok. "JX" – *a fol.* 279) iġib id-data tas-26 ta'April 2019 ċioè qabel ma l-appellant wettaq ir-reat mixli bih f'dan il-każ. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2020, l-iSpettur Joseph Xerri (*a fol.* 277) jikkonferma li l-kondizzjonijiet tal-liberta' proviżorja kienu għadhom *in vigore*. Jirriżulta li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur tal-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill-

arrest in kwistjoni tant li huwa kkonferma l-identita' tal-appellant allura imputat. Minn dan id-digriet jirriżultaw il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u din il-Qorti effettivament tista' tikkonstata li ladarba ġiet konfermata l-ħtija tal-appellant fl-ewwel (1) imputazzjoni, b'hekk waħda mill-kondizzjonijiet tkun inkisret.

Illi għalhekk r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati tar-reċidiva u dana stante li jisħaq li fis-sentenza eżebita u mmarkata bħala Dok. "EH 8" (*a fol.* 282 *et seq.*) ma hemm xejn x'jindika li din ingħatat mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech hekk kif indikat fil-verbal tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 283).

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat li kien reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba Dok. "EH 8" (*a fol.* 282 *et seq.*). Din il-Qorti tinnota li dan id-dokument, li huwa vera kopja fotostatika tal-oriġinal, jikkontjeni konnottati (inkluż indirizz) li jaqblu eżatt ma' dawk tal-appellant f'dan il-każ. Fuq dan id-dokument hemm imniżżel li l-kawża kienet ta' *"Employment & Training Corporation Sitting"* hekk kif jidher ukoll fil-verbal tal-istess ġurnata anness magħha fejn jidher li ġiet deċiża u fejn il-ħati ġie kkundannat iħallas multa ta' mija u tmintax-il Euro (€118) li jidhru mniżżla kemm fuq il-verbal u kif ukoll fuq il-komparixxi. Apparti minn dan, dak li ġie misjub ħati tiegħu l-appellant f'din is-sentenza (inkluż l-isem tal-Maġistrat) huwa rifless ukoll fil-fedina penali aġġornata li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tas-sitt aggravju l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu kienet waħda eċċessiva u esaġerata. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza dwar il-piena

fost partikolari dwar il-prinċipju retributtiv, il-prinċipju preventiv u l-prinċipju riabilitattiv. Jgħid li l-fatt li ma ġiex ippruvat li huwa uża xi forma ta' vjolenza, il-piena ta' sitt snin priġunerija hija eċċessiva.

Illi dan l-aggravju jiċċentra fuq il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-aggravji tal-appellant li ġew kkunsidrati hawn fuq ġew miċħuda, il-Qorti tinnota b'Att Numru XIII tal-2018 il-piena fir-rigward ta' Artikolu 198(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet dik minn sitt snin sa tnax-il sena priġunerija. Meħud dan in konsiderazzjoni u meħud ukoll il-fatt li l-appellant instab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (apparti r-raba' (4) imputazzjoni) ifisser li l-Ewwel Qorti erogat l-minimum tal-piena li setgħet timponi. Għalhekk ma hemmx lok ta' temperament fil-piena u b'hekk anke s-sitt aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Tyson Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti sabiex jitħallsu l-ispejjeż tal-esperti maħtura fil-Proċess Verbal għandu jibda għaddej millum.

Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tipprojbixxi l-pubblikazzjoni f'kull mezz li jkun tal-isem tal-parti offiża OMISSIS in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**